MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Talba Numru. 463/2004

**Hal Mann Limited**

**Vs**

**Prova Limited**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta’ Lm409.23 (erba’ mija u disa’ liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ madum mibjugh kkonsenjat lis-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 22 ta’ Marzu 2002 u 5 ta’ Settembru 2003 kontra s-socjeta’ konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-10 ta' Marzu 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fid-19 ta' April 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------